KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 360**

**It-Tnejn 3 ta' Settembru, 2018**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sra. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sra. Ritienne Giorgino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**360.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

360.1.1 Is-Sindku qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Clayton Cutajar.

**360.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

360.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 359.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

360.2.2 359.2.3 Is-Sindku proponiet li ssir talba uffiċjali lill-TM għal 'traffic calming measures' b'mod urġenti f'din it-triq.

360.2.3 359.3.2 Il-Kunsillier Dominic Grech ta update dwar l-attivita' ta' tindif tal-15 ta' settembru. Hu qal li ġiet identifikata ż-żona bejn il-Park ta' Lapsi u r-reverse Osmosis. Il-Kunsillier qal li l-Kunsill ser jiprovdi numru ta' skips u anka għal-ġbir ta' skart goff u dak riċiklabbli. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera iħajru iktar volontarji biex din l-attivita' tkun suċċess.

360.2.4 359.11.1 Il-Viċi Sindku qal li qed jinħoloq inkonvenjent għat-traffiku bi skips kbar li qed jitpoġġew f'ċertu toroq dojoq. Huwa propona li f'toroq dojoq, l-Kunsill jirregola l-permessi għal skips ta' mhux ikbar minn parking bay.

360.2.5 359.11.6 Is-Sindku qalet li saret talba għal xogħolijiet meħtieġa fi Triq l-Imqabba u Trejqet l-Anġli fejn hemm periklu. Dawn ser ikunu qed isiru minn Infrastructure Malta bħala xogħolijiet ta emerġenza. Saret talba wkoll għal xogħolijiet ta' tarmac fi Triq Nikol Azzopardi u Wied Xkora li ghalihom il-Kunsill Lokali ġie nfurmat li Infrastructure Malta għandha toħroġ tender.

360.2.6 Is-Sindku ppproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 358 ikunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Is-Sindku talbet li tiġi sospiża is-Seduta.
Is-Sindku talbet li terġa tinfetaħ is-Seduta.

**360.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

360.3.1 Is-Sindku qalet li rċeviet rapport minn residenta fi Triq il-Kbira li iġġarrab ħsarat fil-gallarija minn vetturi goffi li jgħaddu minn din it-triq. Il-Kunsill qabel li jintalab il-parir ta' TM biex tinstab l-aħjar soluzzjoni bl-inqas inkonvenjent possibli lir-residenti.

360.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

360.4.1 Il-Viċi Sindku saqsa f'liema fażi waslet il-website tal-Kunsill. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tiġi finalizzata biex tkun tista' tittella' online.

360.4.2 Il-Viċi Sindku propona li l-facebook page uffiċjali tal-Kunsill għandha tinżamm aġġornata bl-attivitajiet u avviżi tal-Kunsill.

**360.5 Attivita' Kunsill Lokali għat-tfal u pjani għall-Pjazza San Nikola**

360.5.1 Is-Sindku infurmat li qed isiru tħejjijiet mal-KL tat-tfal għal attivita' nhar il-Ħadd 21 t'Ottubru 2018 fi Pjazza San Nikola bejn id-9.30am u nofsinhar. Għal ħabta tal-11.00am, huwa maħsub li jsir workshop u diskussjoni fuq traffic management tal-Pjazza. L-attivita' tat-tfal qed issir b'fondi tal-V18 u b'kollaborazzjoni mad-ditta tal-periti AP.

Is-Sindku stiednet lill-Perit tal-Kunsill jippreżenta l-pjanta ta' proġett għal Pjazza San Nikola. Il-Perit ta spjega tal-pjanta proposta u qal li din għadha f'fażi preliminarli u għad qed isir studju.

**360.6 Manutensjoni tal-Outdoor Gym**

360.6.1 Is-Sindku qalet li intalbu stimi għal tiswija, manutenzjoni u bdil ta' apparat fl-Outdoor Gym, liema spiża tammonta għal €25,000. Is-Sindku proponiet li t-tiswija issir f'fażijiet ta' prijorita', u għandha tibda minnufih bil-manutensjoni u t-tiswija fejn possibli ta' l-apparat eżistenti, play equipment ġdid fiż-żona tat-tfal u installazzjoni ta' CCTV.

**360.7 Xogħolijiet Lattrina Għar Lapsi**

360.7.1 Is-Sindku qalet li għalkemm ġiet riċevuta ittra mingħand il-Kuntrattur, fiha m'hemmx il-punti li tlabnieh, u x-xogħol xorta baqa' lura. Is-Sindku infurmat li nħarġet default notice lill-Kuntrattur, u fin-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' xogħol kif rikjest ser toħroġ oħra fil-jiem li ġejjin.

**360.8 Tenders**

360.8.1 **Tender Installation and Maintenance of Traffic Signs and Road Markings**
Is-Sindku qalet li nhar it-Tnejn 10 ta' Settembru 2018 kienet ħa tagħlaq is-sejħa għat-tender LCS51/18, għalhekk talbet lill-Kunsill jikkonferma l-formazzjoni tal-Bord: opening staff: żewġ impjegati klerikali tal-Kunsill bħala, evaluators: is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Minority Leader, chairperson il-Kunsillier Mark. A. Vassallo u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill ikkonferma l-formazzjoni tal-bord.

360.8.2 **Tender Supply of Concrete**
Is-Sindku talbet lill-Kunsill l-approvazzjoni biex jibda l-proċess ta' l-ippublikat tat-tender 'Supply of Concrete' għat-toroq tal-bdiewa. Il-Kunsill unanimament qabel.

**360.9 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar:**

360.9.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvillup fis-Siġġiewi.

**360.10 Rapport tal-korrispondenza**

360.10.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ppreżentat rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

360.10.2 Is-Sindku qalet li rigward ir-rikjesta għal tlielaq ta' żwiemel fi Triq ta' San Niklaw riċevuta b'email fit-28t'Awissu 2018, il-Kunsill kien diġa' ħa l-pożizzjoni tiegħu b'mozzjoni approvata f'Seduta 131, b'policy li tipprovdi li ma jingħatawx permessi għal tiġrijiet ta' żwiemel fit-toroq pubbliċi, sew f'toroq urbani kif ukoll f'dawk rurali.

Is-Sindku proponiet li toroq rurali u urbani m'għandhomx jintużaw għal tlielaq/tiġrijiet ta' bhejjem jew vetturi, jew bħala tracks għall-attivitajiet ta' bhejjem/vetturi. Il-Kunsill kollu qabel ma' dan.

360.10.3 Is-Sindku semmiet li kien hemm talba wkoll minn Island Car Club riċevuta fit-2 ta' Settembru għal Hillclimbs u Sprints fit-Triq Għar Lapsi. Il-Kunsill qabel li din it-talba tiġi miċħuda u qabel b'mod unanimu li toroq urbani jew rurali fis-Siggiewi m'għandhomx jintużaw għal tlielaq ta' bhejjem jew karrozzi. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-fatt li Għar Lapsi huwa aċċessibbli biss minn din it-triq u li għalhekk it-triq m'għandiex tingħalaq għal attivitajiet bil-konsegwenza li jingħalaq l-aċċess biex il-pubbliku jinżel fil-bajja, filwaqt li jkun qed jingħalaq ukoll l-aċċess għal stabbilimenti fiż-żona ta' Għar Lapsi.

360.10.4 Is-Sindku rreferiet għal Ċirkulari AKL2018/072 - L-effett negattiv tal-bżiezaq li jittajru. Hija proponiet li l-Kunsill jissieħeb ma' Kunsilli oħra f'din l-inizjattiva ambjentali. Il-Kunsill qabel u ġie propost li fuq il-permessi għal attivitajiet maħruġa mill-Kunsill tiżdied kundizzjoni li fl-attivita' m'għandhomx jittajru bżieżaq minħabba impatt ambjentali.

360.10.5 Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace staqsiet dwar iċ-Ċirkulari AKL2018/104 - Inizjattiva Għotja ta' Demm. Is-Sindku qalet li l-AKL qed tistieden membri tal-Kunsilli biex nhar il-Ħadd 28t'Ottubru 2018 jingħaqdu għal attivita' kollettiva ta' għoti ta' demm. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace proponiet ukoll li l-Kunsill jistieden liċ-Ċentru Nazzjonali ta' Trasfuzjoni tad-Demm jagħmel użu mill-Berġa fiċ-Ċentru Ċiviku, f'attivitajiet tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

360.10.6 Is-Sindku qalet li rċevejna stedina mingħand il-Kunsill ta' Cisternino, provinċja ta' Brindisi, l-Italja, għal parteċipazzjoni f'konferenza dwar irħula fil-Mediterran li ser isseħħ f'Ċisternino mill-4 sas-7 t'Ottubru 2018. Is-Sindku qalet li din tista tkun okkazjoni tajba għall-kuntatti ta' ġemellaġġ f'din iż-żona ta' l-Italja, u talbet lid-Deputat Segretaru Eżekuttiv isaqsi dwar finanzjament għal din il-konferenza.

360.10.7 Rigward il-korrispondenza mingħand Nextbike, il-Viċi Sindku propona li l-Kunsill jiltaqa' magħhom ħalli jiddiskuti l-proposti u jkollu iktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva.

360.10.8 Is-Sindku qalet li Refabmalta li jimmaniġġjaw l-iskips il-blu fejn jinġabru ħwejjeġ, żraben u materjal ieħor qed jitolbu li jiżdiedu l-kontenituri fil-lokal. wara laqgħa magħhom infurmawna li din is-sistema is-Siġġiewi miexja tajjeb ħafna u preżentaw statistika ta' kemm qed jinġabar materjal. Wara li l-Kunsill ikkunsidra li qatt ma rċieva l-ebda ilmenti, u r-residenti jagħmlu użu tajjeb minnhom, ġie propost li jiżdied kontenitur ħdejn il-bring-in-site eżistenti jew jiġi identifikat lok ieħor adatt fejn jista' jiżdied kontenitur jew iktar skond il-każ.

360.11.1 **Rapport tal-ilmenti**

**360.11** Is-Segretarju ppreżenta r-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

360.12 **Items oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.**

360.12.1 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li hemm bżonn jitnaddfu l-konok tal-pjanti u siġar fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi. Huwa qal li l-għalqa privata fl-istess triq li qegħda taħt iċ-ċint tinsab mimlija b'kull tip ta' żibel u jinħtieġ li jiġi infurmat il-Cleansing Department biex tittieħed l-azzjoni neċessarja. Il-Kunsillier kompla jgħid li r-roundabout fit-tarf ta' l-istess triq qabel taqbad it-triq għall-Imqabba qatt ma tinkines id-dawra tagħha u hemm akkumulazzjoni ta' ħmieġ, kif ukoll taħt is-siġar fuq il-bankina faċċata.

360.12.2 Il-Kunsillier Grech tenna li għal darb'oħra qed jerġa jressaq ilment dwar il-ħmieġ li jinħareġ barra l-ħin tal-ġbir ta' skart fil-binja ta' Ramija, fejn il-Kunsill dan l-aħħar waħħal tabelli biex ma jitfgħux skart. Il-Kunsillier issuġġerixxa li l-Kunsill jara l-probabilta' li titwaħħal cctv forsi jieqaf dan l-abbuż.

360.12.3 Il-Kunsillier Grech qal li rċieva ilmenti li trejqa tal-bdiewa biswit it-triq ta' San Niklaw li dan l-aħħar ingħatat wiċċ ġdid tħalliet imħarbta u l-bdiewa li jużawha qed jitolbu li tissewwa.

360.12.4 Il-Kunsillier Grech qal li sid garaxx f'Binja Ramija qed isib ostaklu biex jimmanuvra il-vettura mill-garaxx meta jkun hemm vetturi pparkjati mar-roundabout fl-istess triq. Huwa talab li temporanjament il-Kunsill iwaħħal avviż ta' 'no parking' fil-post imsemmi u jintalab li jkun hemm 'enforcement' fil-post.

360.12.5 Il-Kunsillier Nicholas Cassar staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar it-talba ta' zebra crossing viċin il-grawnd tal-Futbol. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li jintalab il-parir ta' tekniku biex tiġi stabbilita' l-aħjar pożizzjoni qabel issir l-applikazzjoni lil-TM.

360.12.6 Is-Sindku qalet li l-Kunsill Lokali qed jirċievi diversi talbiet għal patching ta' toroq rurali u talbiet għal konkos fit-toroq tal-bdiewa. Hi qalet li l-allokazzjoni finanzjarja li qed jingħata l-Kunsill mhix biżżejjed biex il-Kunsill ikun jista jagħmel ix-xogħolijiet kollha meħtieġa. Għalhekk kienet se tagħmel talba lill-Gvern biex tingħata għajnuna finanzjarja għal konkos u patching waqt li l-Kunsill Lokali jikkordina dawn x-xogħolijiet bil-kuntratturi tiegħu.

**360.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

360.13.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**360.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

360.14.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30p.m. u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 8 t' Ottubru 2018 fis-6.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 8 t'Ottubru 2018.

Dr Alessia Psaila Zammit
Sindku

Ritienne Giorgino
Deputat Segretarju Eżekuttiv